KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 348**

**IT-Tnejn 30 ta' Ottubru, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**348.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

345.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**348.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

348.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 347. Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 347 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**348.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

348.3.1 Is-Sindku qalet li l-Awtorita' tal-Ippjanar irċeviet xi emendi għall-applikazzjoni mill-privat biex tinbena shooting range viciniż-żona ta' kirċippu. Is-Sindku qalet li hekk kif fi Frar 2017 il-Kunsill kien oġġezzjoni għall-proġett wara konsultazzjoni anki mar-residenti, il-Kunsill għandu jikkonsulta mal-perit dwar l-emendi u jerġa jissottometti r-reazzjoni tieghu bbazata fuq oġġezzjoni li kienet saret. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu

348.3.2 Is-Sindku qalet li għat-tenders li l-kunsill ser joħroġ fil-ġimgħat li ġejjin hemm bżonn li jinħatru Opening staff u bord tal-aġġudikkazzjoni. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li s-Sa Maria Muscat u s-Sa Ritienne Giorgino jservu bħala Opening Staff filwaqt li Dr Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Dominic Grech ikunu fil-bord tal-aġġudikazzjoni.

348.3.3 Is-Sindku semmiet li kienu bosta residenti li lmentaw magħha dwar is-sitwazzjoni kaotika li qed tinħoloq biswit iċ-ċentru tad-Dutrina tal-bniet. Il-Kunsill qabel li jitqabbad espert biex isegwi mill-qrib is-sitwazzjoni u jipprezenta lil kunsill numru ta' proposti u suġġerimenti. F'dan il-proċess għandha ssir ukoll konsultazzjoni mas-superjura tal-mużew.

348.3.4 Is-Sindku tkellmet ukoll dwar is-siġra tal-Awrekarja li kien qed jidher li mietet u li kienet tinsab fi Triq Mons. Mikiel Azzoppardi. Ghalhekk il-Kunsill Lokali qabbad espert fil-Botanika biex iħejji rapport dwar l-istat taghha. Hu kkonferma li s-sigra kienet mejta u li kellu jsir kuntatt mal-Plant Health Directorate, Il-Plant Health ikkonferma li s-sigra hija mejta, x'aktarx minhabba mard li qed jolqot is-sigar b'kawza ta' mard minn sigar mpurtati f'Malta. Fil-fatt dan sehh f'xi sigar ohra f'Malta.Gie ssugeriet li minflok din is-sigra . titħawwel is-siġra nazzjonali tal-Għargħar. Il-Kunsill Lokali se jkun qed jaghmel l-arrangamenti kollha biex isegwi dawn l-pariri.

348.3.5 Is-Sindku fakkret li għaddejja ħidma biex jitwaqqaf fis-Siġġiewi l-Kunsill Lokali taz-Zgħazagħ. Kull min jaf zgħazagħ bejn l-14 u t-18-il sena għandu jħeġġiġhom biex jipparteċipaw f'din l-inizzjattiva.

348.3.6 Is-Sindku talbet lil Kunsilliera biex jibdew iresqu l-ideat u jipproponu inizjattivi b'rabta maċ-ċelebrazzjonijiet fl-okkazzjoni ta' Jum is-Siġġiewi.

348.3.7 Is-Sindku aġġornat lil Kunsilliera b'rabta max-xogħlijiet ta' għoti ta' wiċċ ġdid f'parti minn Triq Nerik Vassallo. Kien hemm taħdidiet mal-Korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma u l-Go mobile, biex jekk hemm bżonn xi interventi minn naħa tagħhom dawn ifitxu jitlestew biex tinbeda t-triq.

348.3.8 Is-Sindku qalet li l-President tar-Reġjun Nofsinar se jkun qed jagħmel Laqgħa mal-Kunsilliera kollha. Informazzjoni tasal aktar tard.

**348.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

348.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**348.5 Attivitajiet fil-ġimgħat li ġejjin (Pjazza Milied, EWWR, Tetra għall-Istrina)**

348.5.1 Is-Sindku qalet li Pjazza Milied se ssir fit-13 ta' Diċembru. Hi qalet li qed isir xogħol fuq żewġ karattri Nannu u Nanna Kola, fejn qed isiru kostumi u jiġu preparati sketches favur l-ambjent. Il-ħsieb hu li dawn il-karattri jibdew fi Pjazza Milied.

Dwar il-European Week for Waste Reduction is-Sindku qalet li għaddejjin il-preparamenti biex issir attivita fl-Iskola Primarja fejn l-anzjani jaqsmu prattici tajbin dwar it-tema Repair & Resuse mat-tfal ta' L-attivita mistennija ssir bejn it-18 u l-24 ta' Novembru. Wara jsir filmat tal-attivita' biex il-prattici edukattivi jigu mifruxa ma' udjenza usa' mill-kommunitá fis-Siggiewi.

Dwar Tetra għallIistrina s-Sindku qalet li fil-Kunsill qed jinġabru l-kartun tal-Ħalib u dawn se jinġabbru mill-Ġreen MT b'risq l-Istrina.

**348.6 Bankini**

348.6.1 Is-Sindku qalet li se jinghata fond ta' Eur5,000 mir-Regjun ghal xogholijiet fuq bankina. Hi tablet ukoll lill-kunsillier jibghatu lista ta' bankini li ghandhom talba li jsir xoghol fihom sabiex titlesta lista' ta' priorita ghal xogholijiet fuq l-bankini..

**348.7 Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena**

348.7.1 Is-Segretarju ppreżenta r-rapport tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għat-tielet kwart tas-sena. Il-Kunsill approva r-rapport b'mod unanimu

**348.8 Sotto Kumitati**

348.8.1 Is-Sindku talbet lil Kunsilliera biex jużaw aktar is-sotto kumitati u jsegwu dawk li diġa għandhom. Il-Kunsill Lokali qabel li jitwaqqfu żewġ Sotto Kumitati taħt id-dekasteru tas-Sindku li jiffukaw fuq is-Salib tal-Għolja u

ieħor biex jiffoka fuq strateġija għall-gheneb mkabbar milll-bdiewa lokali.

**348.9 Attivitajiet Valletta 18**

348.9.1 Is-Segretarju pprezenta lista tal-attivitajiet li se jsiru bi swit is-Siġġiewi matul l-2018 fi zmien li l-Belt Valletta se tkun il-Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura.

**348.10 Mozzjoniji (Solar Farms)**

348.10.1 Is-Sindku resqet il-mozzjoni fuq solar farms hekk kif kien issuġġerrit fis-seduta numru 345. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu fuq din il-mozzjoni kif imressqa. Il-mozzjoni approvata hi mehmuza ma dawn il-minuti.

**348.11 Laqgħa tal-Lokalita'.**

348.11.1 Is-Sindku qalet li peress li l-laqgħa tal-Lokalita trid issir waqt li l-kunsill ikun qed iħejji l-budget qed tipproponi li l-Laqgħa ssir fid 29 ta' Jannar fis-6pm. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**348.12 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

348.12.1 Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo qal li t-tilqima kienet għal darb'oħra suċċess biss qal li jkun tajjeb kieku għas-sena d-dieħla insibu metodi aktar effettivi ta' kif ninfurmaw l-anzjani biex japplikaw għaliha.

**348.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

348.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**348.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

348.14.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30 p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru 2017 fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 27 ta' Novembru 2017.

Dr Alessia Psaila Zammit
Sindku

Keith Galea
Segretarju Eżekuttiv